**Segretarjat tal-Edukazzjoni Nisranija**
**16, Triq Il-Mall, Floriana FRN1472**

## *Policy* dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja Applikanti skont Regolament 2 (Każijiet Serji)

### KUNSENS FIT-TERMINI TAL-LIĠI DWAR IL-PROTEZZJONI U L-PRIVATEZZA TAD-DATA, 2001

Jiena nagħti l-kunsens tiegħi lis-Segretarjat tal-Edukazzjoni Nisranija biex jipproċessa l-informazzjoni li nipprovdilu biex jevalwa t-talba f'isem it-tifel/tifla tiegħi biex ikun ikkunsidrat bħala applikant skont it-tieni kriterju, tar-regolamenti tad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja.

Nifhem lis-Segretarjat iżomm kunfidenzjali din l-informazzjoni personali u sensittiva u ma jgħaddiha lil ħadd aktar sakemm mhux awtorizzat li jagħmel dan skont it-termini ta' din id-dikjarazzjoni.

Nifhem li jista' jkun hemm il-bżonn lis-Segretarjat jitlob rapporti lil u/jew jikkonsultaw ma' professjonisti oħra, bħal Kap tal-Iskola, psikoloġi/psikjatri, għalliema, eċċ, u/jew organi kompetenti oħra bħal Servizz Psikoloġiku tad-Direttorat tal-Edukazzjoni, CDAU, Statementing Moderating Panel, eċċ.

Nifhem li għandi d-dritt inżomm xi nformazzjoni jew li nista' nirtira t-talba tiegħi - f'liema każ is-Segretarjat għandu d-dritt ma jkomplix jipproċessa l-applikazzjoni tiegħi.

L-informazzjoni tibqa' tinżamm mis-Segretarjat sakemm it-tifel/tifla tkun fil-Form 3 - sakemm ma nagħmilx talba lis-Segretarjat jiena stess, bil-miktub u ffirmata minni stess, biex din l-informazzjoni tkun distrutta jew mgħoddija lura lili.

F'kaz lit-tifel/ tifla jinkiteb/ tinkiteb f'xi skola, l-informazzjoni tgħaddi ukoll għand l-iskola u skont il-bżonn lill-awtoritajiet edukattivi.

Immarka✓ skond il-każ:

☐ Jiena ma nsib l-ebda diffikulta' li l-każ tat-tifel / tifla tiegħi jkun diskuss mal-iskola.
☐ Jiena ma nixtieqx li l-każ tat-tifel / tifla tiegħi jkun diskuss mal-iskola.

Jiena konxju/a li għall-finijiet tal-Att Dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data, l-kontrollur ta' tagħrif personali huwa s-Segretarjat tal-Edukazzjoni Nisranija. Jiena nifhem li nista' nikkuntattja lis-Segretarjat f'dan l-indirizz, Segretarju, Bord tad-Dħul fl-iskejjel tal-Knisja, Segretarjat tal-Edukazzjoni Nisranija, 16, Triq Il-Mall, Floriana FRN1472, jekk neħtieg aktar informazzjoni f'dan ir-rigward. Jiena nifhem li għandi dritt li naċċessa l-informazzjoni personali lis-Segretarjat jipproċessa dwari jew dwar it-tifel/tifla tiegħi, li nirretifika din l-informazzjoni u, fejn ikun applikabbli, id-dritt li nħassar din l-informazzjoni personali. Jekk nixtieq neżerċita wieħed minn dawn id-drittijiet, għandi nagħmel talba bil-miktub u ffirmata minni stess lis-Segretarju.

**Jiena nikkonferma li qrajt u fhimt dak kollu li ġie indikat hawn fuq u nagħti l-kunsens tiegħi għalih.**

| ______________________________ | ______________________________ |
|---|---|
| Isem il-Ġenitur/Kustodju Legali | Firma |
| ☐ Omm ☐ Missier ☐ Kustodju | Numru tal-Karta tal-Identità ______________ |